# NITKELLMU MA' CHARLES BRIFFA (2)

## DIN HIJA T-TIENI PARTI TAL-INTERVISTA MAL-PROFESSUR CHARLES BRIFFA. L-EWWEL PARTI DEHRET FIL-ĦARĠA TAT-TORĊA TAL-ĦADD 18 TA' SETTEMBRU 2022




Wieħed minn dawn l-aħħar kotba tiegħek dwar awturi oħra huwa "Ir-Ruħ Tqell bil-Poeżija – Louis Briffa: Il-Ħsieb Inċanat". Il-ħsieb inċanat għandi nifhem għaliex dan il-poeta huwa magħruf bħala "tal-Varloppa" għall-ktieb tiegħu "Bil-Varloppa". Ta' min ngħid li dan huwa tip ta' ċana kbira tal-idejn x'aktarx magħmula mill-injam u b'maqbad, li fl-antik kienet tintuża biex jinċanaw. Briffa tana wkoll ktieb ieħor "Bil-Boqxiex" fejn ukoll jitkellem dwar diversi suġġetti, fosthom ir-relazzjoni tiegħu ma' ibnu (Bertrand u Jien), it-tbatija li għadda minnha (Tempesta), ir-relazzjonijiet u l-imħabba (Fjakkolata), it-tbatija fil-ħajja b'ħarsa speċjali fuq dik ta' Ġesù fil-passjoni (Misteri tat-tbatija), il-vjaġġi tiegħu partikolarment fi Spanja u fl-Italja (Petali mill-Italja u minn Spanja), il-poeżija u t-tifsira tagħha għall-poeta (Qtar mill-miġra), il-ħarsien tan-natura (Difiża tal-ambjent), voċiferu favur dawk il-persuni jew popli qed ibatu jew għaddejin minn żmien iebes bħal immigranti u l-poplu Palestinjan (Versi tad-dissidenza) u bosta temi oħrajn fl-aħħar kapitlu (Konfetti). Għandna wkoll vjaġġ spiritwali li joħodna mill-mitoloġija (eżempju p.72) sal-ikona reiġjuża-kattolika (p.128), sal-viżjoni soċjali. Kif tikkwadra l-viżjoni ta' Louis Briffa fil-kotba tiegħek?

T. Din il-mistoqsija titlob ħarsa ħafifa lejn il-kunċett tal-kontemporanjetà letterarja fis-sehem tagħha tal-moderniżmu lokali li, fid-daħla li jien ktibt għall-antoloġija Jiflu Żmienhom – Ġabra ta' Kitbiet tal-Poeżijaplus (Klabb Kotba Maltin, 2003), jien għedt li huwa "proġett mhux mitmum".

Meta nħarsu lejn id-dehra tal-firxa letterarja ta' żmienna biex naraw il-qagħda ġenerali tal-kontemporanjetà nilmħu xejriet ta' kontinwità u oħrajn avangardisti f'dawk l-ishma li għandhom x'jaqsmu ma' motivazzjonijiet, strutturi, u limiti – kollha marbutin (kif jixraq) mat-temi. Dawn ix-xejriet letterarji jagħtuhomlna awturi bħal Oliver Friggieri, Mario Azzopardi, Victor Fenech, Charles Casha, Trevor Żahra, Paul P. Borg, Alfred Sant, u Joseph Vella Bondin – biex insemmi xi wħud minnhom. F'dawn l-awturi kontemporanji nsibu xejriet tradizzjonali (bħal, ngħidu aħna, il-qisien metriċi u l-forom stabiliti tar-realiżmu u ta' dak li mhuwiex reali fil-proża kreattiva) u xeħtiet moderni (ta', ngħidu aħna, karatteristiċi astratti jew oskuri u multipliċità ta' perspettivi). Meta dawn ix-xejriet u x-xeħtiet jingħaqdu, xorta tixref dehra koerenti ta' żmienna – żmien li qed iġiegħel lill-bniedem itarraf u jfisser lilu nnifsru fis-sehem tiegħu u f'għemilu f'din l-eżistenza tagħna. Is-soġġettività (li tiddeskrivi l-bniedem x'inhu) trid tidher fid-dawl tar-realtà oġġettiva (li x-xjenza tinsisti fuqha) ukoll jekk jinfirdu minn xulxin fl-isfera umana. U ma' dawn il-kontemporanji jidħol Louis Briffa.

Omar, int semmejt il-varloppa (plane) u l-boqxiex (spokeshave) fl-ismijiet tal-ġabriet ta' Briffa. Dawn iċ-ċwani jidħlu fis-simboliżmu letterarju tal-poeżiji – simboliżmu li jikxef ftit mill-immaġinazzjoni tal-poeta; u s-simboliżmu taċ-ċwani jsir parti mill-verità poetika u qawwa li tikkontrolla l-interpretazzjoni. Bħall-kontemporanji l-oħrajn li semmejt, Briffa għandu immaġinazzjoni ħajja u għandu ħakma assoluta ta' dik l-immaġinazzjoni. Fl-istess ħin (bħal sħabu) Briffa juri l-importanza tal-perċezzjoni fuq ir-realtà. F'dawn il-kittieba jidher kunċett modernist kruċjali: dak li jintegra għalkollox ir-realtà fl-immaġinazzjoni, u din l-integrazzjoni tikseb permanenza li timita fl-istrutturi poetiċi simboliċi.

• Tkellimna fit-tul dwar il-ħajja ordinarja tal-Maltin u ma jistax ma jiġinix f'moħħi awtur ieħor li inti wkoll studjajtu Paul P. Borg. Borg li ta' min ngħidu għadu kif ħareġ 2 kotba interessanti ferm: "Belgħa tè", ġrajja mistħajla u traġika, ambjentata fl-imgħoddi u "Oliver Friggieri u jien". Ġaladarba qed insemmu lil Oliver Friggieri nfakkar li inti wkoll ħriġt ktieb dwar Oliver f'din is-sensiela u qed ngħid għall-ktieb "Ħsiebu Jsuqu". Il-mistoqsija tiegħi xtaqt allura biha nolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda u tgħidilna xi ħaġa kemm dwar Paul P. Borg li tkellem dwar in-natura, is-sempliċità tal-ħajja, l-għerf ta' missirijietna u anke dwar il-ktieb l-ieħor dwar Oliver Friggieri, "Ħsiebu Jsuqu"

T. L-isem tal-ktieb li jien ktibt fuq Oliver Friggieri Ħsiebu Jsuqu (2017) jeħodna lejn tiġrib maħsub f'kewn il-bniedem; waqt li l-isem tal-ktieb tiegħi fuq Paul P.Borg Leħen mix-Xagħri Maħqur (2021) iressqilna l-ekofilosofija letterarja. Il-lingwa figurattiva f'dawn it-titli tal-kotba minnufih turina li (fuq il-livell kognittiv) il-metafora letterarja għandha bażi esperjenzjali. U hekk naraw li Friggieri, hu u jestendi l-elementi ewlenin tal-kontemporanjetà, jifhem il-kreattività bħala laqgħa produttiva bejn il-letteratura u ż-żmien; u Borg jinqeda bil-valuri letterarji biex jitkellem f'isem il-magħkus ambjentali.

L-użu kreattiv tal-lingwa letterarja huwa parti mis-sistema tal-ħsieb ta' dawn l-awturi, u għalhekk irridu nħarsu lejn il-funzjoni tal-metafora bħala estensjoni tal-qagħdiet li jħufu fil-moħħ. Dan huwa fattur li jagħmel sehem mill-istil mentali tal-awturi tagħna li jifhmu li l-lingwa figurattiva taf tiġġenera tifsir ġdid. Din il-lingwa taf tkun estensjoni ta' xi elementi konvenzjonali u taf ukoll tkun elaborata biex tressaqna lejn il-ġdid jew taf timbuttana lejn id-defamiljarizzazzjoni. Fil-proċess ta' defamiljarizzazzjoni nħarsu lejn il-lingwa b'mod differenti mis-soltu.

Il-ktieb fuq Oliver Friggieri juri li l-ħidma tiegħu, kemm bħala professur tal-letteratura u kemm bħala rumanzier u poeta, hija mmotivata minn dawn it-tliet prinċipji: li l-letteratura trid tinvolvi ruħha soċjalment sabiex toħloq għarfien xieraq; li l-letteratura trid tirrifletti l-umanità fit-tfittxija tagħha għat-tifsir tal-ħajja; u li l-letteratura trid tibda mill-interpretazzjoni tal-ambjent ta' pajjiżna u timxi lejn tifsir